MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 60

L-Erbgħa 22 ta' Frar 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

60.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

60.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 59 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

60.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

60.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

60.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li sid ta' stabiliment fix-Xlendi talab sabiex il-Kunsill jorganizza laqgħa mal-entitajiet konċernati dwar is-sigurta' qrib l-istabiliment tiegħu. Din il-laqgħa saret nhar is-16 ta' Frar 2023 ġewwa l-Kunsill fil-preżenza ta' dan is-sid, rappreżentanti mill-Awtorita' Maltija Għat-Turiżmu, rappreżentanti mill-*Gozo Tourism Association*, is-Supretendent tal-Pulizija, L-Ispettur u s-Surġent mit-taqsima tal-Pulizija tal-Komunita', kif ukoll iż-żewġ Pulizija tal-Komunita' stazzjonati fil-Munxar u x-Xlendi. Is-Sindku għarraf li wara diskussjoni twila dwar is-suġġett, ġew identifikati żewġ soluzzjonijiet li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-problemi msemmija fix-Xlendi li huma: sottomissjoni ta' proposta biex tidħol *bye-law* li tiprojbixxi l-konsum tal-alkoħol fit-toroq u postijiet pubbliċi, kif ukoll, l-istallazzjoni ta' *CCTV cameras* fix-Xlendi bil-għajnuna finanzjarja ta-Ministeru Għal Għawdex u bil-kollaborazzjoni tat-taqsima tal-Pulizija tal-Komunita'.

Kunsill Lokali Il-Munxar

Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jaħdem fuq dawn iż-żewġ soluzzjonijiet proposti waqt din il-laqgħa.

60.3.2 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa ġewwa Malta sabiex dawk interessati jattendu għall-pellegrinaġġ organizzat fl-Isla bl-istatwa tar-redentur. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 60.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

60.4.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar il-possibilta' biex id-dawl li sar fil-Pjazza tal-Knisja jistax jitbaxxa. Is-Sindku spjega li dan sar wara studju mill-Inġiniera u ċertifikazzjoni minnhom li l-kuntrattur mexa mal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta sottomessa. Madanakollu, ġie deċiż sabiex il-Kunsill iqajjem dan il-punt mal-Iniġinier.

60.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar il-possibilita' biex il-Kunsill jagħmel manutenzjoni ġenerali fil-playingfield iż-żgħir ta' Triq 12 ta' Diċembru 1957. Filwaqt li kein hemm qbil dwar dan, is-Sindku saħaq li minn meta l-kumpanija ELC ma baqgħetx topera fil-lokalita', il-Kunsill ħa daqqa fir-rigward ta' manutenzjoni ta' *soft areas*. Huwa ppropona sabiex tissejjaħ laqgħa mal-operaturi l-ġodda. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

60.4.3 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar il-blata li nqassmet u qed iċċedi fix-Xlendi fejn issir il-ġostra tradizzjonali. Is-Sindku qal li huwa mgħarraf li d-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex niżżlet fuq il-post flimkien mal-Perit tal-Ministeru fuq din il-kwistjoni. Is-Sindku se jkun qed jara xi żviluppi kien hemm fil-jiem li ġejjin.

## 60.5 Proġetti fil-Lokalita';

60.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li wara approvazzjoni tal-membri waqt laqgħa preċedenti biex tiddawwal l-is*lipway* tax-Xlendi u rampa fl-inħawi ssir targa, il-Kunsill kellem lill-awtorita' Infrastructure Malta li ser jieħdu ħsieb dan ix-xogħol.

60.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mal-Inġinier Rose Debono Mercieca fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex wara diversi ilmenti u ħsarat fis-sistema tad-dawl fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi u



Kunsill Lokali Il-Munxar

Triq San Xmun. Minn din il-laqgħa ġie propost sabiex il-Kunsill jipprovdi d-dawl dekorattiv u l-Ministeru għal Għawdex jagħmel ix-xogħlijiet ta' nstallazzjoni. Għalhekk, is-Sindku ppropona sabiex issir talba lid-Direttur Marisa Pisani fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex il-fondi allokati tal-iskema SPI/SCI/3/2020 ikunux jistgħu jgħaddu għal dan il-proġett minflok dak propost oriġinalment fl-applikazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

60.5.3 Wara diversi lmenti minn residenti mressqa mas-Sindku, huwa ppropona wkoll sabiex tiġi nstallata bozza LED ġdida ħdejn il-*pedestrian crossing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi minħabba l-periklu ta' nuqqas ta' dawl u minħabba li tinsab f'kantuniera. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

60.5.4 Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-maltemp tal-aħħar jiem, Triq ir-Rabat soffriet diversi danni strutturali li ser tiġi rranġata mill-Ministeru Għal Għawdex. Huwa qal ukoll li ser jagħmel pressjoni sabiex il-katusi li hemm mgħoddija taħt it-triq jitnaddfu minħabba li jidhru li huma miżdudin. Il-Kunsill innota dan.

60.5.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġie msejjaħ għal-laqgħa ma' uffiċċjali mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex isir il-ftuħ uffiċċjali tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Dan ser isir nhar is-16 ta' Marzu 2023.

60.5.6 Dwar il-proġett tat-Torri tax-Xlendi, is-Sindku għarraf li l-Kunsill qed jiġbor kwotazzjonijiet dwar il-promozzjoni tal-proġett, kif ukoll dwar il-ftuħ uffiċċjali li mistenni jkun f'Ġunju 2023.

60.5.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina jinsab fi stadju finali u baqa biss xi nstallazzjonijiet ta' *railings* ġodda.

60.5.8 Dwar il-proġetti ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ f'diversi nħawi fil-Munxar, is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħlijiet huma kompluti u qed isiru l-aħħar sottomissjonijiet ta' *claims* għall-pagamenti u rimbors ta' fondi.

60.5.9 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ingħata l-approvazzjoni ta' *direct order* mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jqabbad lil

Kunsill Lokali Il-Munxar

Versatile Brass Band għal waqt l-attivita' marbuta mal-proġett b'fondi ewropej fi Triq L-Isqawi, liema attivita' ser issir nhar it-28 t'April 2023.

## 60.6 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2022;

60.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*financial statements* għas-sena 2022 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri li kienu intbagħtu wkoll għall-attenzjoni tagħhom permezz ta' *email*.
Il-*financial statements* għas-sena 2022 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 60.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

60.7.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex b' inizjattiva biex jorganizzaw sessjonijiet ta' għana fil-pjazez tal-irħula Għawdxin, bl-avveniment fil-Munxar skedat għal nhar il-Ħadd 5 ta' Marzu 2023. Il-Kunsill ikkonferma l-interess tiegħu.

60.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ANSEK u AKL b'appell sabiex il-Kunsilli jagħtu s-sehem tagħhom għall-vittmi tat-terremot fit-Turkija. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jikkontribwixxi fl-inizjattiva li nediet il-parroċċa u jixtri suf biex il-voluntiera tal-parroċċa jaħdmu l-kutri għal dawn il-vittmi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

60.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li kienet tinkludi applikazzjoni għall-amministrazzjoni ta' proprjeta' pubblika biex timtela' u tiġi sottomessa jekk il-Kunsill għadu nteressat li jkollu titlu fuq il-*plot* minn fejn qed jopera. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill imexxi b'din l-applikazzjoni u approva l-finanzjament għall-ispiża nvoluta.

60.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri estensjoni tal-kuntratt għas-servizz tal-ġbir tal-iskart goff kif ukoll estensjoni tal-kuntratt għax-xogħlijiet ġenerali fit-toroq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dawn jiġġeddu b'sena skont it-termini tas-sejħa tal-offerti.

Kunsill Lokali Il-Munxar

60.7.5 Ċirkulari DLG numru 02/2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar l-ikklampjar u tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru (LS 65.13) u emendi fir-Regolamenti dwar is-sinjali tat-traffiku u l-marki tal-karreġġata (LS 65.05). Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.6 Ċirkulari DLG numru 03/2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permessi mill-Kunsilli Lokali - sistema t' applikazzjoni fast track. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-aġenzija *Project Green* sabiex il-Kunsilli Lokali jissottomettu proposti biex din l-aġenzija tagħmel investimenti fil-komunita' bi kreazzjoni ta' spazzji ħodor u miftuħa għall-pubbliku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.8 PQ 5445 – *Consolidating green soft area project*. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

60.7.9 Ċirkulari Nru AKL 2023/006 – Mental Health First Aid Course 01/02 – 03/02/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.10 Ċirkulari Nru AKL 2023/007 – Laqgħat għall-Vos fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/008 – International Epilepsy Day February 13, 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2023/009 – New Publication: Nature-based Placemaking in High-Density Cities. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2023/010 – Local Councils that have a Day Centre or an organised elderly group. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2023/011 – Sustainable Urban Mobility Plans for Malta and Gozo – Meeting 17/03/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2023/012 – National STEM Community Fund 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2023/012 – Niktbu b'Malti Tajjeb. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

60.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2023/014 – ECAD Membership 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2023/015 – Times of Malta Business Breakfast – 'The Road to Reliable Public Transport'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/017 – S.A.F.E. Prevention training programmes for workplaces 12/04/2023 & 14/04/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/018 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-'Earth Hour' 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/019 – Communication from Enemalta – Street Lighting Demarcation Boxes. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60.7.22 Ilment 04/2023
Jiġbed l-attenzjoni ta' siġra antika fi Triq il-Kavallieri fix-Xlendi li bir-riħ qed titqaċċat ftit ftit b'konsegwenza li freigħi qed jaqgħu fuq vetturi tan-nies. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jitgħaddi lill-Pulizija tal-Komunita'.

60.7.23 Ilment 05/2023
Residenta tilmenta li waqt li kienet qed tistenna l-karozza tal-linja fil-*bus shelter* tal-Pjazza tal-Knisja, l-ilma tax-xita kien qed jidħol ġewwa u kien nieżel mis-saqaf ukoll. Is-Sindku wieġeb li dakinhar l-installazzjoni tal-*bus shelter* tal-Pjazza tal-Knisja ma kinitx kompluta.

60.7.24 Ilment 06/2023
Residenta titlob sabiex issir manutenzjoni fuq bankina fi Triq it-Torri fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

60.7.25 Ilment 07/2023
Resident jilmenta dwar il-ġbir tal-iskart meta jkun hemm Triq il-Puniċi magħluqa minħabba permess ta' kostruzzjoni u qed jissuġġerixxi sabiex din it-triq ma jingħatax permessi nhar ta' Tlieta, Ħamis u Sibt. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-ħinijiet tal-permessi qed jingħataw wara d-9.00 ta' filgħodu u kull meta jkun hemm permess ta' għeluq qed ikun avżat il-kollettur tal-iskart biex jilħaq jiġbor l-iskart. Kien hemm qbil mill-membri sabiex terġa' tinġibed l-attenzjoni tal-kollettur dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

60.7.26 Ilment 08/2023

Residenta tilmenta dwar nuqqas minn xi ġirien li qed joħorġu l-boroż tal-iskart mhux fid-dati u l-ħin skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart, kif ukoll qed ipoġġuh quddiem ir-residenza tagħha. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita'.

## 60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

60.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 60/2022-8 għall-perjodu bejn l-20 ta' Jannar 2023 u t-22 ta' Frar 2023 li tammonta għal €28,542.09 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 60.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 ta' Marzu 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 23 ta' Marzu 2023.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar